MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) GHAWDEX

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili - Ghawdex Numru. 97/1998/1

**Avviz numru 97/98**

**Saviour sive Silvio Calleja**

**vs**

**Margaret Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2001 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti;*

*Rat l-avviz ipprezentat fit-22 ta' Settembru 1998 permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u tmienja u*

*sebghin lira Maltija (Lm178) dovuti mill-konvenuta ai termini ta' l-iskrittura tat-23 ta' Gunju 1998.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lill-konvenuta fil-5 ta' Lulju 1998 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.*

*Rat li l-konvenuta opponiet t-talba billi eccepiet illi:*

*1. t-talba ta' l-attur hi infondata fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenuta m'ghandha taghti l-ebda ammont lill-attur.*

*2. Illi l-hanut Albert Store fl-Imsida Malta kien operat minn Manuel Cassar u mhux mill-konvenuta. Infatti kull ftehim dwar l-operat ta' l-istess hanut dejjem gie iffirmat mill-istess Manuel Cassar.*

*3. Illi l-iskrittura tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 1998 giet iffirmata mill-konvenuta taht theddid mill-attur illi mar fir-residenza tal-konvenuta u heddidha biex hija tiffirma l-istess skrittura.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Ezaminat il-provi u d-dokumenti kollha;*

*Ikkunsidrat:*

*L-attur qieghed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq l-iskrittura esebita folio 13 li permezz taghha l-konvenuta ddikjarat li lesta li thallas l-ammont pretiz mill-attur sa l-ahhar tax-xahar, ossija ta' Gunju tal-1997, billi d-dikjarazzjoni giet iffirmata fit-23 ta' dak ix-xahar.*

*Id-data hi fil-fehma tal-Qorti ta' relevanza kbira partikolarment fid-dawl tax-xhieda prodotta mill-konvenuta konsistenti fix-xhieda taghha stess u ta' certu Manwel Cassar li jirrizulta ha l-hanut sussegwentement. Difatti jirrizulta minn folio 28 li dan ta' l-ahhar ha l-hanut minghand l-attur fit-28 ta' Marzu 1998 cioe' disa' xhur wara d-dikjarazzjoni fuq citata esebita folio 13.*

*Fil-kuntest ta' dawn id-dati hi ferm kredibbli u verosimili x-xhieda ta' Massimo Calleja (folio 21) meta stqarr li kien hemm problemi mal-konvenuta fuq l-pagamenti ta' kera u meta gie deciz li l-hanut jintradd lura sar "stock take" bl-intiza li l-istock ezistenti imur sabiex jissalda l-ammont ta' kera dovuta. Kompla spjega x-xhud li meta saru l-konteggi instab illi l-konvenuta xorta kien ghad fadlilha taghti xi flus, liema ammont hu appuntu dak pretiz fl-avviz ta' l-attur u rifless fid-dikjarazzjoni fuq citata.*

*Minn effettivament kien jiggestixxi l-hanut almenu sad-data tad-dikjarazzjoni tal-konvenuta johrog wisq car mix-xhieda taghha stess. Difatti l-konvenuta ma nnegatx anzi kkonfermat li "l-ewwel ftehim tal-kera" ghamlitu hi; izda mhux biss ghaliex zdiedet tghid li "t-tifel [taghha] ma riedx aktar ikompli b'dan il-hanut ghaliex iddejjaq u komplih Emanuel Cassar". U allura hi ghal kollox irrilevanti x-xhieda ta' dan ta' l-ahhar u fejn tirreferi ghall-ammont mertu dina l-kawza hi addirittura inverosimili. Dan l-ammont mill-assiem tal-provi jirrizulta li huwa dovut u fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement pruvat li l-ammont irrizulta favur l-attur mis-stock take fuq riferit.*

*Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq esposti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' d-domanda ta' l-attur u tikkudanna lill-konvenuta thalsu l-ammont ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm178) bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 1998.*

*L-isepjjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta komprizi ta' l-ittra ufficjali fuq riferita."*

Minn din is-sentenza appellat il-konvenuta bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneu gjaladarba ibbazat il-konsiderandi taghha fuq il-fatt zbaljat tad-data tal-iskrittura, meritu tal-kawza.

Ezami anke superficjali tad-dokument esebit a fol 13 tal-process u li fuqu l-appellanti tibbaza u timmotiva l-appell taghha ghandu jibbasta ghall-konvinciment illi dak ritenut

mill-appellant huwa assolutament bla ebda fondament. Dan ghaliex, kuntrarjament ghal dak ritenut minnha d-data ta’ din l-iskrittura, ossija dikjarazzjoni sottoskritta, hi ben evidenti li hi t-23 ta’ Gunju 1997 u mhux 23 ta’ Gunju 1998. Ghal din ir-raguni biss l-appell tal-konvenuta jaqa’ comb fuq l-izball lampanti kommess minnha, u mhux allura mill-Qorti ta’ prim’istanza.

L-apprezzament ghalhekk li ghamlet l-ewwel Qorti hu wiehed korrett u din il-Qorti ta’ revizjoni ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba dan l-istess apprezzament tal-fatti provati.

Hija in effetti gurisprudenza pacifika u kostanti li l-Qorti ta’ l-Appell ma tindahalx fid-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti f’dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hlief f’kazijiet eccezzjonali u ghal motivi gravi (**Vol XXIV pI p104**; **Vol XXXVII pI p56**; **Vol XLV pI p47**, fost bosta ohrajn). L-ebda motiv gravi ma jirrizulta f’dan il-kaz li ghandu ghal daqshekk jinduci lil din il-Qorti tvarja l-apprezzament li sar u l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti eccepiet bhala skuzanti it-theddid adoperat mill-attur fil-konfront taghha. Theddid li hi tghid ikkostringiha tiffirma l-iskrittura tat-23 ta’ Gunju 1997. Fl-appell taghha pero’ ma gie ventilat l-ebda aggravju f’dan is-sens u allura strettament din il-Qorti mhiex tenuta tinvesti din il-materja.

Anke pero’ jekk kellha taghmel dan in virtu ta’ xi regola li tiddettalha tirricerka l-verita u dak li l-opinjonisti guridici isejhu “la guistizia del dato caso”, ma jidherx li dan l-ilment jista’ jittiehed bid-dovuta serjeta’.

Mill-istqarrija tal-istess konvenuta appellanti a fol 27 tal-process jirrizulta illi hi ffirmat l-iskrittura ‘de quo’ biex “nehles minnhom”. Dan b’referenza ghall-attur u ibnu li rrikkorrew ghandha fil-garage, u li f’dik l-okkazzjoni, skond kliemha “heddewni ukoll illi ser jehduli l-karozza”.

Ma jirrizultax li l-konvenuta, konfrontata b’din is-sitwazzjoni, qatt ghamlet impunjattiva ta’ din l-istess

skrittura minnha ffirmata. Kif lanqas ma jirrizulta li qatt ghamlet rapport lill-Pulizija minhabba l-allegat "theddid", jekk tista' tikkwalifikah bhala tali.

Issa f'termini legali biex dan it-"theddid" jew "pressjoni" jista' jwassal ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li dan jahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghla tibza' li hija innifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Art 978 (1) Kodici Civili). Jinghad illi biex dan jissucciedi t-theddid li jivvizzja l-kunsens irid ikun determinanti, ingust u gravi ("**Emmanuel Falzon –vs- Anthony Farrugia**, Appell, 21 ta' April 1997).

Minn dak rakkontat mill-appellanti ma jirrizultax illi l-kondizzjoni mentali taghha meta ffirmat kien talment agitat minn xi "g*rave lesione dell'integrita fisica e morale*" (**Vol XXIX pII p749**), "*ingiusta ed illegittima*" (**Vol XXVIII pIII p878**). Fir-realta' hi baqghet inattiva ghall-ahhar. Dan isib spjega ukoll pjuttost fl-impressjoni ta' dak ravvisat fis-sentenza, "**Giuseppe Tirchett et –vs- Giorgio Mangion**", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1931, u cjoe li "in quel momento fu libero di scegliere quell'atto od uno diverso, ma solo scelse quello per contentare … …. o per vivere in pace e non avere dei contrasti … …".

Dan stabbilit il-Qorti ma ssib l-ebda raguni konvincenti biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenuta qed jigi rigettat u s-sentenza konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta appellanti.

Dep/Reg
cb